MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2008

Appell Kriminali Numru. 294/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Alberta Amato**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Alberta Amato talli fis-6 ta' Settembru 2004 ghall-habta ta' 12.07 hrs fi Pjazza San Luqa, Pieta`, u f'dawn il-Gzejjer saqet vettura Nru. BBG-849 u vettura Nru. BAP-454 tal-ghamla "Peugeot" minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta` dwar ir-riskiji ta' terzi persuni.

Il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija Alberta Amato tigi skwalifikata mil-licenzji kollha taghha tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta’ Lulju 2007, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija Alberat Amato hatja u kkundannataha ghall-hlas ta’ multa ta’ Lm1000, u skwalifikatha milli jkollha jew tottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena mid-data tas-sentenza;

Rat ir-rikors ta’ appell tal-imsemmija Alberta Amato pprezentat fil-25 ta’ Lulju 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilliberaha minn kull htija u piena.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellanti huwa wiehed, cioe` li l-ewwel Qorti ghamlet *error juris* meta sabitha hatja. Hija tikkontendi li ma setax ikun hemm is-sejbien ta’ htija ghaliex irrizulta mill-provi li l-vettura li kienet qed tinsaq mill-appellanti kienet koperta b’polza tas-sigurta` dwar ir-riskji ta’ terzi persuni u huwa rrilevanti li hija ma kenitx indikata bhala sewwieqa fit-termini tal-polza. Hija rreferiet ghall-interpretazzjoi moghtija f’diversi sentenzi ta’ din il-Qorti ta’ *authorised driver* fl-artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Permezz ta’ l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellanti, hija qed tigi akkuzata li saqet zewg vetturi minghajr ma kienet koperta b’polza tas-sigurta`. Jirrizulta li fis-6 ta’ Settembru 2004 l-appellanti kellha dsatax-il sena u ma tirrizulta l-ebda kontestazzjoni li hija saqet kemm il-vettura BBG-849 ta’ Christine Spiteri kif ukoll il-vettura BAP-454 ta’ Natale Bonello.

Mix-xiehda ta’ **Joseph Mula**, in rapprezentanza ta’ Elmo Asurance bhala assiguraturi tal-vettura BBG-849, jirrizulta li din il-vettura kienet assigurata li jistghu jsuquha dawk il-persuni minn 36 sena ‘il fuq. Huwa pero` qal li kieku dik il-vettura kienet qed tinsaq minn persuna taht dik l-eta` u

jkun hemm habta, taht il-Kap. 104 kien ikollhom ihallsu l-*claim* izda mbaghad jduru fuq l-assigurat biex jaghmel tajjeb ghall-ispejjez.

Kwantu ghall-vettura BAP-454, mix-xiehda ta' Daniel Wright jirrizulta li din il-vettura kienet assigurata ma' Qatar Insurance tramite l-Untours u kienet tkopri *"any driver over twenty-five"*. F'kaz ta' habta u s-sewwieq kien taht l-eta` ta' 25 jifthu *temporary file* minghajr pregudizzju, jghidu lill-klijent li ma kienx *covered* izda f'kaz ta' sentenza jhallsu ghax hemm il-Kap. 104.

Issa, l-artikolu 10(1) tal-Kap. 104 jghid testwalment hekk:

**"Jekk, wara li jkun inhareg certifikat ta' sigurta` taht is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 4 ta' din l-Ordinanza lill-persuna li tkun hadet il-polza, tigi moghtija sentenza kontra persuna assigurata bil-polza, dwar responsabbilta` li ghandha tkun koperta minn polza taht is-subartikolu (1) tal-artikolu 4 ta' din l-Ordinanza (meta hija responsabbilta` koperta bil-kondizzjonijiet tal-polza), f'dan il-kaz, ghad li l-assikuratur awtorizzat ikun jista' jannulla jew ihassar, jew jkun annulla jew hassar il-polza, huwa ghandu, bla hsara tad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, ihallas lill-persduni li favur taghhom tkun inghatat is-sentenza, kull soma ta' flus li ghandha tithallas bis-sahha ta' dik is-sentenza dwar ir-responsabbilta` fuq imsemmija …."**

Is-subartikoli (2) u (3) jelenkaw serje ta' eccezzjonijiet fejn l-assikuratur awtorizzat ikun ezenti minn tali obbligu ta' hlas.

Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Angelo Scuderi** moghtija fit-3 ta' Novembru 2005 intqal hekk dwar l-imsemmi artikolu 10(1):

**"Illi minn din id-dicitura ta' dan l-artikolu kif emendat, jidher li una volta li jkun hemm polza ta' assikurazzjoni li tkopri l-vettura in kwistjoni, jekk ikun hemm xi responsabbilta` ghal dejn civili, din tigi**

**rizarcita mill-assikurazzjoni, sakemm ma jirrikorrux xi wahda jew aktar mic-cirkostanzi elenkati fis-subartikolu (2) u (3), anki meta l-assikuratur ikollu dritt jannulla jew ihassar il-polza, ghaliex, per ezempju, id-driver ma jkollux licenzja. Imma hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova li ma jkunx hemm din il-kopertura minhabba xi cirkostanza indikata fis-subartikolu (2) u (3), u sakemm din il-prova ma ssirx minnha, tibqa' l-prezunzjoni li hemm il-kopertura tal-polza kontra r-riskji ta' terzi persuni kif tipprovdi l-ligi fis-subartikolu (1) fuq citat."**[1]

Issa fl-istat tal-provi kif inhu, minkejja li jirrizulta li l-appellanti kienet taht l-eta` ta' kopertura f'kull kaz, il-prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova li kien hemm xi wahda jew aktar mic-cirkostanzi kontemplati fis-subartikoli (2) jew (3) ta' l-imsemmi artikolu 10 li jezentaw lill-assikuratur milli jhallas. Ghalhekk galadarba hemm l-obbligu generali ta' l-assikuratur li jhallas kull fejn tkun inharget polza, u f'dan il-kaz dan gie anke kkonfermat mir-rapprezentanti taz-zewg assikurazzjonijiet involuti li kien ikollhom ihallsu, u galadarba ma giex pruvat li tezisti xi wahda mill-eccezzjonijiet ghal din l-obbligazzjoni, l-imputazzjoni ma tirrizultax pruvata.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tiddikjara lill-appellanti mhux hatja ta' l-imputazzjoni dedotta u b'hekk tilliberaha minn dik l-imputazzjoni kif ukoll mill-piena u mill-iskwalifika nflitti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------

[1] Ara wkoll Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Stefan Apap**, 26 ta' April 2007.